MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 968/2007

**Matthew–Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Rosanne Degiorgio neè Busuttil, mart l-imsemmi Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, Joseph u Evelyn konjugi De Giorgio bhala legittimi rapprezentanti tal-minuri Mariam Degiorgio u tal-minuri Gabriel Degiorgio**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tar-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew illi:

1. Illi r-rikorrenti Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri Mariam Degiorgio, u l-minuri Gabriel

Degiorgio, huma lkoll ahwa miz-zwieg ta’ Joseph u Evelyn konjugi De Giorgio, u dana kif jirrizulta mill-estratt veru fir-Registri ta’ l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta’ Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A1, Dok. A2, Dok. A3, Dok. A4, Dok. A5, Dok. A6 u Dok. A7;

2. Illi r-rikorrenti Rosanne Degiorgio nee’ Busuttil hija mart ir-rikorrenti Aaron Degiorgio, u dana kif jirrizulta mill-estratt veru mill-Att taz-Zwieg registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. B, li ghazlet li ma zzommx kunjom xbubitha, u dana kif jirrizulta mill-istess Dok. B;

3. Illi r-rikorrenti nomine Joseph De Giorgio, missier ir-rikorrenti Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri Mariam Degiorgio, u l-minuri Gabriel Degiorgio, kien imwieled minn Gerard De Giorgio u Mary De Giorgio nee’ Valentino, u dana kif jirrizulta mill-estratt veru fir-Registri ta’ l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta’ Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. C;

4. Illi r-rikorrenti nomine l-ohra Evelyn De Giorgio nee’ Zarb, mart l-imsemmi Joseph De Giorgio, fiz-zwieg taghha ghazlet li ma zzommx kunjom xbubitha, u dana kif jirrizulta mill-estratt veru mill-Att taz-Zwieg relattiv registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. D;

5. Illi kif jirrizulta mill-estratt veru fir-Registri ta’ l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta’ Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A1, Dok. A2, Dok. A3, Dok. A4, Dok. A5, Dok. A6 u Dok. A7, kunjom missier u omm ir-rikorrenti Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri Mariam Degiorgio, u l-minuri Gabriel Degiorgio, gie erronjament registrat bhala “Degiorgio”;

6. Illi kif jirrizulta mill-estratt veru mill-Att taz-Zwieg, registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. B, kunjom ir-rikorrenti Aaron Degiorgio, gie erronjament registrat bhala “Degiorgio”;

7. Illi fil-fatt, kif jirrizulta mill-estratt veru fir-Registri ta’ l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta’ Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. C, u mill-estratt veru mill-Att taz-Zwieg relattiv registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok. D, referibilment rispettivament ghat-twelid tar-rikorrenti *nominee* Joseph De Giorgio, u ghaz-zwieg ta’ l-istess rikorrenti nomine mar-rikorrenti nomine Evelyn De Giorgio, kunjom ir-rikorrenti Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri Mariam Degiorgio, u l-minuri Gabriel Degiorgio fl-Att tat-Twelid relattiv kellu jigi registrat bhala “De Giorgio”, u mhux “Degiorgio”, kif kellu jigi registrat “De Giorgio” u mhux “Degiorgio” kunjom ir-rikorrenti Aaron Degiorgio fl-Att taz-Zwieg;

8. Illi r-rikorrenti jafu bil-fatti hawn fuq esposti personalment;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni ohra xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara illi kunjom ir-rikorrenti Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri Mariam Degiorgio, u l-minuri Gabriel Degiorgio huwa “De Giorgio” u mhux “Degiorgio”;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid ta’ Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri

Mariam Degiorgio, u l-minuri Gabriel Degiorgio, rispettivament bin-numru 344/1981, 3965/1982, 3755/1984, 2730/1986, 3389/1987, 4813/1991, 1318/1995, fis-sens li kull fejn jidher il-kunjom "Degiorgio" senjatament fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", fil-kolonna intestata "Isem u kunjom", u fil-kolonna "Isem u kunjom il-missier", u jekk hux haj jew mejjet", jithassar u minfloku jitnizzel "De Giorgio";

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonjiet mehtiega fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti Aaron Degiorgio u Rosanne Degiorgio bin-numru 1093/2006, fis-sens li kull fejn jidher il-kunjom "Degiorgio" senjatament fil-kolonna intestata "Isem u kunjom", u fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier, u Isem, Kunjom u Kunjom Xbubiet l-Omm", riferibilment ghar-rikorrenti Aaron Degiorgio, jithassar u minfloku jitnizzel "De Giorgio";

4. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici kollha tar-rikorrenti fis-sens li kull fejn jidher il-kunjom "Degiorgio", jithassar u minfloku jitnizzel "De Giorgio".

Bl-ispejjes kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, li huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat *a fol.* 20 fejn wiegeb li:

1. Illi preliminarjament l-esponent joggezzjona ghat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat *stante* li jirrizulta mill-Atti registrati fir-Registru Pubbliku li l-Att tat-Twelid tan-nannu patern ta' l-atturi li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1006 tas-sena 1905 u *cioe*' ta' Geraldo Degiorgio li l-kunjom tal-familja huwa "Degiorgio" u mhux "De Giorgio" kif qed jigi allegat. *Inoltre*, jirrizulta wkoll li l-missier tar-rikorrenti Joseph Degiorgio kien id-dikjarant fuq l-Atti tat-Twelid tat-tfal kollha tieghu u jirrizulta b'mod car li huwa ddikjara li kunjomu huwa "Degiorgio" u mhux "De Giorgio" u fil-fatt anke iffirma hekk. L-esponent

jirrileva wkoll li l-fatt li jidher li jezisti zball fuq l-Att tat-Twelid ta' missier l-atturi u *cioe'* Joseph Degiorgio, *stante* li d-dikjarant Gerald Degiorgio f'dak il-kaz iddikjara li kunjomu kien "De Giorgio", ma jfissirx li fl-Atti kollha l-ohra ta' l-Istat Civili tar-rikorrenti li huma registrati korrettament skond il-ligi ghandhom jirriflettu dan l-izball. Ghall-istess raguni jirrizulta li fl-Att taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti u *cioe'* ta' Joseph Degiorgio u Evelyn Zarb li jgib in-numru progressiv ta' skrizzjoni 892 tas-sena 1978 jirrizulta ukoll li hemm zball fil-kunjom tar-ragel mizzewweg, filwaqt li fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrent Aaron Degiorgio u Rosanne Busuttil li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1903 tas-sena 2006, jirrizulta li l-kunjom huwa specifikat korrettament u *cioe'* bhala "Degiorgio";

2. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradditur fir-rigward ta' dokumenti pubblici ohra msemmija fir-raba' talba attrici izda l-kompetenza tieghu hija fir-rigward ta' Atti ta' l-Istat Civili biss. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw jekk hu l-kaz, x'Atti ta' l-Istat Civili ohra jehtieg li jigu korretti *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fl kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti ta' l-Istat Civili mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjes ta' l-istanti. L-esponent jirrileva li jirrizulta mill-Atti tat-Twelid li jgibu n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 344 tas-sena 1981, 3965 tas-sena 1982, 3755 tas-sena 1984, 2730 tas-sena 1986, 3389 tas-sena 1987, 4813 tas-sena 1991, 1318 tas-sena 1995 rispettivament u fir-rigward ta' l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta' skrizzjoni 892 tas-sena 1978 id-dikjarant fuq dawn l-Atti kien ir-rikorrent Joseph Degiorgio stess, filwaqt li fir-rigward ta' l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta' skrizzjoni 1093 tas-sena 2006 id-dikjarant kien ir-rikorrent l-iehor Aaron Degiorgio. L-esponent jirrileva li d-dikjaranti fuq l-Atti ta' l-Istat Civili in kwistjoni kienu obbligati li jivverifikaw li l-informazzjoni li

ddikjaraw u iffirmaw ghaliha quddiem l-ufficjali pubblici kienet korretta.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba**

Ir- rikorrenti *noe*. qed jitlob li dina l-Qorti tordna l-korrezzjoni fl-att ta' twelid ta' Matthew-Paul Degiorgio, Aaron Degiorgio, Davida Degiorgio, James Degiorgio, Thomas Degiorgio, il-minuri Mariam Degiorgio u l-minuri Gabriel Degiorgio fis- sens illi kull fejn jidher il-kunjom 'Degiorgio' jithassar u minfloku jitnizzel 'De Giorgio'.

Tordna ukoll illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att taz-Zwieg ta' Aaron Degiorgio u Rosanne Degiorgio, fis-sens illi kull fejn jidher il-kunjom 'Degiorgio' jithassar u minfloku jitnizzel 'De Giorgio'.

**Kontestazzjoni**

L-intimat wiegeb u oggezzjona ghat-talba billi jirrizulta mill-Atti registrati fir- Registru Pubbliku li l-Att tat-twelid tan-nannu patern ta' l-atturi u *cioe'* ta' Geraldo Degiorgio li l-kunjom tal-familja huwa 'Degiorgio' u mhux 'De Giorgio' kif qed jigi allegat.

*Inoltre*, jirrizulta wkoll illi l-missier tar-rikorrenti Joseph Degiorgio kien id-dikjarant fuq l-Atti tat-twelid tat-tfal kollha tieghu u jirrizulta b'mod car li huwa ddikjara li kunjomu huwa 'Degiorgio' u mhux 'De Giorgio' u fil-fatt anke ffirma hekk.

Il-fatt li jidher li jezisti zball fuq l-Att tat- twelid ta' missier l-atturi u *cioe'* Joseph Degiorgio, *stante* li d-dikjarant Gerald Degiorgio f'dak il-kaz iddikjara li kunjomu kien 'De Giorgio', ma jfissirx li fl-Atti kollha l-ohra ta' l-Istat Civil tar-rikorrenti li huma registrati korrettament skond il-Ligi ghandhom jirriflettu dan l-izball. Ghall-istess raguni jirrizulta li fl-Att taz-Zwieg tal-genituri tar-rikorrenti u *cioe'* ta' Joseph Degiorgio u Evelyn Zarb jirrizulta wkoll li hemm zball fil-kunjom tar-ragel mizzewweg, filwaqt li fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrent Aaron Degiorgio u Rosanne Busuttil jirrizulta li l-kunjom huwa specifikat korrettament u *cioe'* bhala 'Degiorgio'.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi r-rikorrenti qeghdin jaghmlu din it-talba *ai termini* ta' l-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti dritt li kull persuna li taghmel talba gudizzjarja korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet ta' l-atti ta' l-Istat Civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-Artikolu 254 saret debitament.

L-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 jipprovdi li:

"*Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att ta' twelid relattiv bhala l-isem jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it- tarbija ghandha tigi msejha.*"

Il-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn.

L-isem jikkonsisti mill-prenom u mill-kunjom. Iz-zewg dokumenti ewlenin li solitament jaghtu fidi kemm lill-isem

u l-kunjom tal-persuna huma r-registri parrokkjali tal-idi battezimali u l-Att tat-Twelid ta’ l-Istat.

Kif xehdet korrettement Amanda Grech in rapprezentanza tad-Direttur tar- Registru Pubbliku (*a fol.* 60 tal-process) b’referenza ghac-certifikat 1006 tal-1905, li hu l-Att ta’ Twelid ta’ Geraldo Degiorgio, missier Joseph, u *cioe’* n-nannu tar-rikorrenti kollha, hija rrilevat gustament illi l-firma tad-dikjarant, u *cioe’* l-*padre* Carmelo Degiorgio: *“qieghda Carmelo Degiorgio miktuba shiha. Degiorgio miktuba shiha.”*

Il-kunjom f’dan ic-certifikat huwa konsistentement indikat bhala Degiorgio. Sahansitra, anke l-kunjom ta’ martu Annetta hija mnizzla shiha wkoll bhala Degiorgio.

Fl-opinjoni tal-Qorti huwa c-certifikat li jholl u jorbot f’din il-kawza odjerna, peress illi huma l-antenati li jiddeterminaw ezattament l-gheruq proprja tal-kunjom.

Illi, skond l-Artikolu 627(f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ta’ Malta, certifikati mahrugin mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku huma prova ammissibbli bla htiega li tingieb prova ohra dwar l-awtenticita’ taghhom.

Jidher ghalhekk li l-izball veru nsibuh konsegwentement fl-Att ta’ Twelid ta’ Joseph Degiorgio fejn il-kunjom gie erronjament indikat bhala “De Giorgio” minflok Degiorgio. Ta’ min ighid ukoll li hemm zball iehor f’dan l-istess certifikat u *cioe’* il-missier tat-tarbija huwa ndikat bhala ‘Gerard’ meta fil-verita’ l-isem korrett huwa ‘Geraldo / Gerald’ kif indikat fic-certifikat tal-Att ta’ Twelid tieghu ezebit bhala Dok. A.

Fic-certifikat ta’ l-Att ta’ Twelid ta’ Matthew-Paul Degiorgio, l-ewwel rikorrent missieru huwa mnizzel bhala Joseph Degiorgio u l-omm: “*Evelyn wife of the said Joseph Degiorgio*.”

Tabilhaqq ukoll, il-firma ta’ Joseph Degiorgio, d-dikjarant hi miktuba Degiorgio shiha ukoll.

L-istess japplika ghall-Atti ta’ Twelid tar-rikorrenti l-ohra kollha u *cioe’* dak bin- numru progressiv ta’ skrizzjoni 3965 tas-sena 1982 ta’ Aaron Degiorgio, ghall-Att ta’ Twelid bin-numru progressiv ta’ skrizzjoni 3755 tal-1984 ta’ Davida Degiorgio, ghall-Att ta’ Twelid li jgib in- numru progressiv ta’ skrizzjoni 2730 tas-sena 1986 ta’ James Degiorgio, ghall-Att ta’ Twelid bin-numru progressiv ta’ skrizzjoni 3389 tas-sena 1987 ta’ Thomas Degiorgio, ghall-Att ta’ Twelid bin-numru progressiv ta’ skrizzjoni 4813 tas-sena 1991 ta’ Mariam Degiorgio, kif ukoll l-Att ta’ Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ skrizzjoni 1318 tas-sena 1995 ta’ Gabriel Degiorgio.

Dak li hu importanti hu l-fatt li meta ddikjara Joseph Degiorgio li kunjomu huwa Degiorgio ma kien qed jikkometti ebda zball ghax verament dak kien kunjomu.

L-istess facilment jista’ jinghad ghall-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta’ skrizzjoni 1093 tas-sena 2006 bejn Aaron Degiorgio u Rosanne nee’ Busuttil. Degiorgio hija miktuba shiha, kif ukoll kunjom il-missier Joseph Degiorgio hija mnizzla shiha ukoll.

Talba ghal bdil fil-kunjom ghandha izjed tirnexxi meta jkun jidher car mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta’ zball. Qatt ma kien il-hsieb tal-Legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Huwa minnu li d-diversi sentenzi juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta’ inkluzjoni ta’ kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta’ kunjom, jekk mhux ghax ikun sar zball x’imkien.

Fid- dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Qorti ssib li hu ferm difficili tikkonkludi li sar zball fl-Atti tat-Twelid fuq imsemmija kif ukoll fl-Att taz-Zwieg bejn Aaron Degiorgio u Rosanne Degiorgio u iktar u iktar li dan l-izball kien jahti ghalih il-konvenut.

Id-dikjaranti kien il-missier nnifsu stess tar-rikorrenti kollha li rregistra t-twelid u ffirma l-Att tat-twelid originali bil-kunjom Degiorgio. Kien ghalhekk fid-dmir tieghu jara u jifli sewwa dawk id-dokumenti kollha qabel ma ffirma, peress illi d- dikjaranti fuq l-Atti ta’ l-Istat Civili in kwistjoni huma

obbligati li jivverifikaw li l-informazzjoni li jiddikjaraw u jiffirmaw ghaliha quddiem l-ufficjali pubblici hija korretta.

Barra minn hekk, biex tiddikjara li sar zball darba hija kredibbli, imma biex tghid li sar l-istess zball ghal-seba' darbiet konsekuttivi u *cioe'* fir-rigward ta' l-Atti tat- Twelid tat-tfal kollha hija daqsxejn esagerata.

Ma sar ebda zball fl-atti imsemmija li jehtiegu xi korrezzjoni. Lanqas ma saret prova li kien hemm xi zball min-naha tar-Registru Pubbliku.

Il-fatt li r-rikorrenti kollha kif ukoll il-genituri taghhom bdew jiffirmaw kunjomhom b'mod differenti minn dak kif indikat fl-Att ta' Twelid taghhom ma jfissirx illi b'daqshekk huma ntitolati jikkoregu l-kunjom minn kif dan ikun registrat fl-att civili.

Il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm wiehed jista' jsejjah lilu nniffsu kif irid, ma jfissirx li dak li hu jsejjah lilu nniffsu ghandu jigi accettat bhala isem registrabbli.

Kif insibu fis-sentenza **Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku** - Prim'Awla - 1 ta' Marzu, 1982:

*"…pero' rigward it-tieni talba dwar il-firma din ghandha tigi michuda ghax tikkoncerna firma ta' persuna li ghogobha tiffirma hekk".*

Ghalhekk, fil-kaz prezenti, l-Qorti tqis li l-pregudizzju lamentat mir-rikorrenti mahluq mill-inkompatibilita' tar-realta' ta' kunjomhom u l-formalita' murija fl-atti li taghhom qeghdin jitolbu l-bidla, huwa fil-fatt u fil-verita' kollha wiehed fieragh.

**Decizjoni**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tal-attur *nomine*, bl-ispejjez kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------